MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru. 694/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J.Fenech)**

**vs**

**Jonathan Farrugia**

Kumpilazzjoni Nru: 694/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jonathan Farrugia, ta’ 22 sena, bin Raymond Alfred u Mary Grace nee’ Fava, imwieled Pieta’ , fis-17 ta’ Mejju, 1988 u residenti fil-fond ‘Schembri, Flat 9, Triq San Edwardu, Birzebbuga u/jew Flat 16, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Block C, Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita numru 239888M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-22 ta' Mejju, 2010 u matul l-erba' xhur ta' qabel din id-data:
1. Iffalsifika xi biljett tal-flus jew mexxa biljett tal-flus falsifikat, liema biljett tal-flus falsifikat huwa ta' valur EURO, li kien jaf li hu falsifikat, bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta u
2. minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kusotdja jew pussess tieghu, biljett tal-flus ta' valur Euro falsifikat, meta kien jaf li l-istess huwa falsifikat, bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-piena stabbilita mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti, biss f'kaz li l-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qerda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, jekk hu skond ma jista jkun mehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 50 (3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija barra mill tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ammetta t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik li iffalsifika u mexxa biljetti ta’ flus foloz.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputat kellu fil-pussess tieghu karta ta’ hamsin Euro li kienet falsa; pero din instabet fir-residenza tieghu meta kien qed jigi esegwiet mandat ta’ arrest u tfittxija fil-konfront tieghu. Mill-provi ma jirrizultax li din il-karta ta’ hamsin Euro iffalsifikaha hu; lanqas ma jirrizulta li huwa b’xi mod mexxa dil-karta ta’ flus ai termini ta’l-artikolu 45 tal-Kapiolu 204.

Illi ghalhekk din l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija f’l-investigazzjoni ta’ dan il-kaz, kif ukoll il-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta’l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, wara li rat l-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. In oltre l-Qorti qed tikundanna lill-imputat biex fi zmien xahrejn ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ mija sittax il-Euro u disgha u disghin centezmu (€116.99) rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta’ esperti. B’applikazzjoni ta’l-artikolu 50(3) ta’l-istess Kapitolu 204 qed tordna li l-biljett tal-flus esebiet ghandu jigi konsenjat lill-Bank Centrali ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------